MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 42/1999/1

**Citazzjoni numru 42/1999**

Mario Philip Galea

vs

Celestino Cini

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

"illi fl-1 ta' Lulju 1997 Mario Philip Galea kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni U-4049 fi Triq San Leonardu, Victoria, Ghawdex;

Illi l-konvenut Celestino Cini kien qed isuq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzjoni MIA-100,

appartenenti lil Joseph Cini, bi traskuragni grassa, speed eccessiv, b'imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza illi habat fil-vettura ta' l-attur Mario Philip Galea u b'hekk ikkaguna incident awtomobilistiku, ghal liema incident il-konvenut Celestino Cini hu unikament responsabbli;

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu, kif jigi dettaljatament ippruvat waqt is-smigh ta' l-istess kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex bonarjament jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur baqa' dejjem inadempjenti;

TALAB ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut Celestino Cini unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bzonn permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghal dan il-fini;

3. tikkundanna lill-istess konvenut Celestino Cini sabiex ihallas lill-attur d-danni kollha hekk sofferti u likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1999, ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' din ic-citazzjoni lis-socjeta ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-ingunzjoni tieghu biex jidher ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa li:

1. din il-kawza hija intempestiva u saret inutilment billi dan il-kaz ilu li gie konkluz u l-kumpanija assikuratrici tal-attur ammettiet t-tort tal-incident tant li l-

eccipjenti illum jinsab pjenament imhallas tal-ispejjez li gew inkorsi minnu fit-tiswijiet tal-hsarat kollha li gew sofferti minnu fil-vettura tieghu;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezjoni t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur billi l-eccipjenti ma jahti xejn ghall-incident mertu tal-kawza;

3. Illi l-incident in kwistjoni gara kollu htija tal-attur minhabba sewqan traskurat u non-kuranti, bi speed eccessiv u b'manjiera perikoluza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Mill-atti jidher li l-attur esperixxa din l-azzjoni sabiex jirribalta decizjoni mehuda mill-"Motor Claims Advisory Panel" konsenjenti fic-cert l-assikurazzjonijiet taz-zewg partijiet li irreferew l-incident awtomobilistiku lil dan il-panel ai fini li jigi stabbilit it-tort tal-incident. Id-decizjoni taghha tinsab esebita fl-atti (ara dok.MS folio 33) li l-parti konkluziva taghha qeghedha tigi testwalment riprodotta u taqra kif isegwi:

"the panel unamimously decided that the blame for the accident was on driver of vehicle no. U-4049 (ergo l-attur). The said driver traveling through the wider part of the road had the obligation to stop before entering the bottleneck and give way to traffic traveling from the opposite direction i.e. from the narrow part towards the wider part. Highway Code, Right of Way, no.101 – 'when two vehicles going in opposite directions meet in a narrow stretch of road, unless signs indicate otherwise, the one nearest to the

wider part of the road must reverse to let the other vehicle pass'.

Illi din ic-citazzjoni mir-regolament baqghet sostanzjalment li kienet fl-edizjoni l-gdida tal-kodici tat-triq bid-differenza li r-regolament in kwistjoni illum huwa dak enumerat 220 u apparti z-zieda tal-kliem "unless signs indicate otherwise" pogga in calce l-kelma "must" biex tenfazizza l-obbligu assolut fost min mis-sewwieqa jkun ser jittransita l-istrixxa tat-triq li tiddjieq.

Illi a skans ta' kull ekwivoku ghandu jinghad li l-bord li ddecieda mhux marbut ma' xi procedura stante li ghandu d-dritt jistabiliha hu basta li josserva l-kanoni ta' gustizzja naturali. Lanqas mal-Qorti taqbel li l-attur b'xi mod gie prekluz li jesperixxi din l-azzjoni anka jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-assikurazzjoni tieghu giet surrogata f'xi drittijiet tieghu taht l-artikolu 1166(c) tal-Kap 16. Il-fatt jibqa', fil-fehma tal-Qorti, li l-attur dejjem kellu u baqa' fid-dritt li jittanta din l-azzjoni ghad-danni sofferti minnu fil-kollizjoni in meritu dwar liema hu ma giex risarcit u dan fil-waqt li jsostni li ma kellu ebda tort ghall-kollizjoni li hu proprju l-pern tal-azzjoni odjerna. Il-Qorti ssostni li dan huwa hekk anka fuq skorta tad-dok. SCI (folio 50) fejn jinghad li "it is understood that this payment is made without an admission of liability".

Ikkonsidrat fuq il-pern tal-kawza, cioe', minn fost il-kontendenti kien responsabbli ghall-kollizjoni, li kif tajjeb jghid il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu "minn ezami tal-iskizz jirrisulta li l-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident hija forma ta' *bottleneck* u cioe' wiesgha hafna mid-direzzjoni minn fejn kien gej isuq l-attur u dejqa hafna mid-direzzjoni minn fejn kien gej isuq il-konvenut"..

Illi apparti minn kulma qal l-attur a tempo vergine li hu riportat fl-okkorrenza (fol 16 et seq) u li l-Qorti ser tiehu ukoll in konsiderazzjoni, jirrizulta anke mill-iskizz, li ai termini tar-regolament tal-kodici tat-triq, fuq citat, kien jinkombi fuq l-attur li icedi u jghati d-dritta lill-konvenut. M'hu ta' l-ebda beneficcju ghall-attur li jghid li minhabba xi zrar u trab il-brake ma zammlux prontament u lanqas li

fuq in-naha tieghu kien hemm gandott u arblu tad-dawl sporgut ‘ il  barra jew ukoll li l-konvenut halla brake marks ta’ tlettax (13)-il metru.  Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatturi anzi jimmilitaw kontra l-attur li tghid x’tghid kellu l-obbligu li jcedi molto piu’ meta ma jirrisultax li kellu l-vizwali tieghu ostakolata.

Ghaldaqstant issib li l-kollizjoni grat interament tort tal-attur u kwindi tichad it-talbiet tieghu bi spejjes kontra tieghu.

(ft.)  A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.)  Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------